

Brussell, 9 ta' Settembru 2025  
(OR. en)

12388/25

INST 249  
POLGEN 127  
AG 127

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

|                   |                                                                                                                                                                                                            |
|-------------------|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| minn:             | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur                                                                                                                  |
| data meta waslet: | 9 ta' Settembru 2025                                                                                                                                                                                       |
| lil:              | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea                                                                                                                                 |
| Nru dok. Cion:    | COM(2025) 484 final                                                                                                                                                                                        |
| Suġġett:          | KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL<br>Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2025<br>Reżiljenza 2.0: nagħtu s-setgħa lill-UE biex tirnexxi fost it-turbolenza u l-inċertezza |

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2025) 484 final.

Mehmuż: COM(2025) 484 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 9.9.2025  
COM(2025) 484 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U  
LILL-KUNSILL**

**Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2025**


**Reżiljenza 2.0: nagħtu s-setgħa lill-UE biex tirnexxi fost it-turbolenza u l-inċertezza**

## 1. INTRODUZZJONI

Mill-ewwel rapport ta' Prospettiva Strateġika fl-2020, l-ordni globali ġie mfixxkel bil-kbir. Filwaqt li dak l-ewwel rapport esplora l-kunċett ta' reżiljenza prinċipalment marbut mal-ewwel tagħlimiet strutturali mill-pandemija tal-COVID-19, wasal iż-żmien li tiżdied il-ħidma kemm fit-tħejjija kif ukoll fir-reżiljenza biex l-UE tiġi mħarsa u stabbilita mill-ġdid bħala attur b'saħħtu f'din id-dinja li qed tinbidel.

Għalhekk, dan ir-rapport jintroduċi l-kunċett ta' reżiljenza 2.0. Ir-rapport tal-2020 diġà ddefinixxa r-reżiljenza bħala li mhux sempliċiment tassorbi l-kriżijiet biex jinżamm l-istatus quo. Hu argumenta li reżiljenza għal xokkijiet fis-sistema kollha u xejriet fit-tul teħtieġ lill-UE tittrasforma u tirpilja, b'mod sostenibbli, ġust u demokratiku<sup>1</sup>. U fil-fatt, l-UE wriet saħħa u għaqda meta għamlet dan b'reazzjoni għax-xokkijiet reċenti, u għenet liċ-ċittadini u lin-negozji biex jadattaw għal kriżijiet maġġuri u megaxejriet globali (ara l-Figura 1).

*Figura 1: Kriżijiet maġġuri reċenti u megaxejriet marbutin magħhom li jsawru r-rispons tal-UE*



Madankollu, l-iskala, il-kumplessità, id-diversità u l-persistenza tal-isfidi li ġejjin – mit-taqbib ġeopolitiku u ġeoekonomiku, il-kunflitti u t-theddid għas-sigurtà, sal-kriżi planetarja tripla (it-tibdil fil-klima, it-tniġġis u t-telf tal-bijodiversità)<sup>2</sup>, għall-bidliet teknoloġiċi u demografiċi, u t-theddid għad-demokrazija u l-valuri – jeħtieġu livell ġdid ta' reżiljenza; Dan jinvolvi qabża

<sup>1</sup> Ir-reżiljenza fil-politiki tal-UE hija definita fi: Manca A et al., “Building a Scientific Narrative Towards a More Resilient EU Society Part 1: a Conceptual Framework”, 2017, DOI: [10.2760/635528](https://doi.org/10.2760/635528); Giovannini, E. et al., “Time for transformative resilience: the COVID-19 emergency”, 2020, DOI: [10.2760/062495](https://doi.org/10.2760/062495), u r-Rapport tal-Prospettiva Strateġika tal-2020, COM (2020), 493 final.

<sup>2</sup> Ara <https://unfccc.int/news/what-is-the-triple-planetary-crisis>.

lil hinn minn approċċ prinċipalment reattiv lejn wieħed proattiv u li jħares 'il quddiem, biex nantiċipaw l-avvenimenti, nottimizzaw ir-riżorsi, u nħejju għal xenarji futuri differenti, peress li d-dinja tagħna llum hija aktar imprevedibbli minn qatt qabel. Ħafna xenarji diverġenti huma plawżibbli, inklużi wħud li sa dan l-aħħar żmien kienu inkonċepibbli<sup>3</sup>. F'dinja bħal din, ir-reazzjoni għal kull kriżi bħala punt ta' bidla ma għadhiex biżżejjed. Approċċ għar-reżiljenza li jkun **trasformativ, proattiv u li jħares 'il quddiem ("reżiljenza 2.0")** isir vantaġġ deċiżiv fir-realtà ġeopolitika l-ġdida u hteġa kruċjali għall-Unjoni Ewropea.

Dan ir-rapport jikkontribwixxi għar-riflessjoni dwar kif tista' ssir din il-qabża għal livell ġdid ta' reżiljenza. Filwaqt li jibni fuq strateġiji u rapporti reċenti rilevanti għar-reżiljenza u abbażi ta' proċess wiesa'<sup>4</sup>, janalizza x-xejriet u l-iżviluppi ewlenin fit-tul. Fuq il-bażi ta' dan, ir-rapport jippreżenta lil dawk li jfasslu l-politika azzjonijiet possibbli li għandhom jittieħedu llum biex titwettaq il-viżjoni ta' UE reżiljenti.

Dan l-approċċ huwa marbut mill-qrib mat-tħejjija li ġiet introdotta mir-rapport Niinistö<sup>5</sup> u ssarraf f'azzjoni ta' politika tal-UE fl-Istrateġija Ewropea għal Unjoni tal-Preparatezza<sup>6</sup>. It-tħejjija tiffoka fuq il-kapaċità tal-UE li tantiċipa, tipprevjeni, tirreżisti t-theddid u tirreaġixxi għalih. L-istrateġija tirrikonoxxi wkoll li l-UE teħtieġ kapaċitajiet li jħarsu 'l quddiem u ġbir sistematiku ta' informazzjoni, inkluż permezz tal-infrastruttura u s-servizzi spazjali proprjetà tal-UE, biex tifli b'mod proattiv lil hinn mit-theddid immedjat, filwaqt li tqis xenarji fit-tul mhux familjari jew saħansitra diffiċli li jiġu immaġinati. F'dan ir-rigward, il-prospettiva strateġika, l-għarfien tas-sitwazzjoni, u t-twissija bikrija huma kruċjali u jridu jissaħħu aktar.

Fi żminijiet ta' taqlib globali, il-prospettiva strateġika tgħin lill-UE tibqa' fit-triq it-tajba u tħares lil hinn mill-aġenda tal-lum. Dan joffri fehim ċar mhux biss tar-riskji emerġenti iżda wkoll tal-opportunitajiet futuri: billi tifli l-orizzont, tikkunsidra mill-ġdid is-suppożizzjonijiet, tiskopri punti mhux viżibbli, tara kif l-avvenimenti huma konnessi u tivvaluta l-effett kombinat tagħhom, tesplora l-firxa ta' dak li jista' jkun possibbli, inklużi futuri mixtieqa u t-toroq biex naslu għalihom. Biex tagħmel dan, hi tuża l-intelliġenza kollettiva b'mod strutturat u sistematiku. Tali għarfien huwa inkorporat fit-tfassil tal-politika, l-ippjanar strateġiku, u t-tħejjija tal-Kummissjoni. Dan jippermetti li jitqiesu aħjar l-impatti fit-tul u l-koerenza tal-politiki mibdija llum, kif ukoll ir-robustezza tagħhom, f'xenarji futuri diverġenti, u li tiġi żviluppata viżjoni pożittiva kondiviża tal-futur tal-UE. Mill-2020, ir-Rapporti ta' Prospettiva Strateġika tal-Kummissjoni huma strumentali f'dan il-kuntest. Dan ir-rapport, l-ewwel wieħed taħt dan il-mandat, huwa wieħed tranżitorju, li jwitti t-triq għall-proċess ta' prospettiva li juża l-firxa sħiħa ta' metodi u għodod ta' prospettiva li se jappoġġaw l-edizzjonijiet li jmiss mill-2026 'il quddiem. Dawn jistgħu jintużaw ukoll biex jitfasslu pjanijiet ta' azzjoni koerenti biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħna, jiġu indirizzati l-isfidi identifikati u jinħatfu l-opportunitajiet.

## Mir-reżiljenza għar-reżiljenza 2.0

L-UE tista' sserraħ fuq għadd ta' prekundizzjonijiet favorevoli biex issaħħaħ ir-reżiljenza.

<sup>3</sup>Ara pereż. 25 diffikultà kbira potenzjali bbażati fuq l-evidenza li jistgħu jsawru mill-ġdid il-politika bejn l-2030 u l-2050 fi: OECD (Organisation for Economic Co-operation and Development), "Strategic Foresight Toolkit for Resilient Public Policy: A Comprehensive Foresight Methodology to Support Sustainable and Future-Ready Public Policy", 2025, <https://doi.org/10.1787/bcdd9304-en>.

<sup>4</sup> Ir-rapport jibni fuq l-istrateġiji reċenti tal-Kummissjoni rilevanti għar-rapporti tar-reżiljenza u strateġiċi li servew ta' input fihom (bħar-rapporti minn Enrico Letta, Mario Draghi u Sauli Niinistö), l-evidenza kkwotata fir-rapport, l-għarfien minn sejħa pubblika għal evidenza, proċess parteċipattiv fil-Kummissjoni Ewropea, konsultazzjonijiet mas-sħab istituzzjonali tal-UE permezz tas-Sistema Ewropea ta' Analiżi tal-Istrateġiji u l-Politika (ESPAS, European Strategy and Policy Analysis System), in-network ta' prospettiva tal-aġenziji deċentralizzati tal-UE, il-gruppi ta' riflessjoni, u l-Istati Membri permezz tan-Network ta' Prospettiva għall-UE kollha. Huwa jibbaża wkoll fuq ir-Rapporti tal-Prospettiva Strateġika preċedenti (2020-2023).

<sup>5</sup> [Safer Together](#) – Strengthening Europe's Civilian and Military Preparedness and Readiness.

<sup>6</sup> JOIN(2025) 130 final.

L-ewwel nett, l-UE għandha riżorsi uniċi biex tiżgura reżiljenza fuq skala li l-ebda Stat Membru ma jista' jikseb waħdu: 450 miljun persuna, u suq uniku li jospita 24 miljun kumpanija u s-sors ta' 15 % tal-kummerċ dinji fil-merkanzija; settur agroalimentari li jipprovdi provvista affidabbli ta' ikel affordabbli bi standards ta' kwalità għolja u ta' sostenibbiltà; oqfsa demokratiċi komuni stabbiliti, u stat tad-dritt għaċ-ċittadini, in-negozji u s-sħab esterni tagħha bl-istess mod; firxa ta' kapaċitajiet ta' governanza, minn strumenti ta' politika kummerċjali robusti sal-istabbiliment ta' standards globali.

It-tieni, l-UE għandha l-iskala u l-kapaċità li tagħti rispons trasformattiv għat-taqbib ġeoekonomiku, il-kriżi planetarja tripla, u t-tranżizzjoni diġitali.

It-tielet, l-UE tista' tadatta malajr matul kriżi minkejja proċess kumpless tat-teħid ta' deċiżjonijiet, filwaqt li taġġusta l-mekkaniżmi u l-istrutturi tagħha. Tajna prova ta' dan billi implimentajna n-NextGenerationEU biex ngħinu lill-Istati Membri fis-segwitu tal-pandemija u billi assigurajna żieda fl-investimenti Ewropej biex naċċertaw li l-industrija tad-difiża tagħna tkun tista' tipproduċi b'veloċità u b'volum akbar u billi niffaċilitaw l-iskjerament rapidu ta' truppi u assi militari fl-UE kollha permezz ta' Prontezza 2030.

Ir-raba', l-UE diġà wriet reżiljenza b'rispons għal diversi kriżijiet reċenti u tgħallmet minnhom. Ġew introdotti u msaħħa mekkaniżmi ta' rispons Ewropej konġunti: ix-xiri konġunt tal-vaċċini kontra l-COVID-19, id-diversifikazzjoni tal-provvisti tal-gass matul il-kriżi reċenti tal-enerġija jew il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi tar-rescEU b'rispons għan-nirien fil-foresti jew diżastri naturali oħrajn – dawn kollha huma eżempji ta' risponsi aġli u effettivi, ibbażati fuq is-solidarjetà u l-adattabbiltà.

Abbażi ta' dawn l-esperjenzi, dan huwa ż-żmien li tiġi żviluppata viżjoni ta' UE reżiljenti fl-2040. Dik il-viżjoni għandha tkun ibbażata fuq l-għanijiet u l-valuri tal-UE<sup>7</sup>. UE reżiljenti fl-2040 ikollha b'żonn tliet elementi fundamentali li ġejjin:

- **il-paċi permezz tas-sigurtà Ewropea:** bis-saħħa tal-kapaċitajiet qawwija tagħha, f'allinjament sħiħ mal-alleanzi internazzjonali, l-UE se tiskoraġġixxi u tiddefendi lilha nnifisha minn atturi statali jew mhux statali b'intenzjoni ħażina; se tikseb dan permezz ta' kombinazzjoni ta' saħħa militari, tħejjija tas-soċjetà kollha, strumenti li kapaċi jiddefendu l-interessi tagħha, u pożizzjoni u diplomazija globali b'saħħithom; UE mkabbra se tkun pedament tal-paċi, is-sigurtà u l-prosperità dejjiema mal-kontinent Ewropew kollu; se jkollha rabtiet b'saħħithom ma' pajjiżi tal-istess fehma kif ukoll sħubijiet ibbażati fuq interessi komuni, li jisfruttaw is-setgħa ekonomika u kummerċjali u l-awtonomija strateġika miftuħa tagħha;
- **il-valuri tad-demokrazija, id-dinjità tal-bniedem, il-libertà, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem:** l-UE se taħdem favur, tasserixxi, tiddefendi u tinforza dawn il-valuri u l-mudell demokratiku tagħha internament u tippoġettahom fix-xena dinjija. Se toffri governanza effettiva permezz ta' istituzzjonijiet demokratiċi u se tippermetti l-eżerċizzju effettiv tad-drittijiet u l-obbligi tan-nies u tal-kumpaniji;
- **il-benesseri tan-nies:** mibni fuq sigurtà interna u ekonomika, impjiegi ta' kwalità, kundizzjonijiet attraenti għall-ħaddiema u n-negozji, prosperità sostenibbli li tirrispetta l-limiti planetarji, pjaneta abitabbli b'ekonomija newtrali għall-klima u reżiljenti għall-klima, u ambjent naturali b'saħħtu; sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ, u tas-saħħa ta' kwalità, affordabbli u inklużivi; l-Ewropej se jużaw teknoloġiji sikuri li jtejbu haġġithom b'mod kunfidenti, filwaqt li jgawdu minn xogħol ta' sodisfazzjon, ħaġġa sodisfaċenti, kundizzjonijiet favorevoli biex jibdew il-familji u jrabbu t-tfal, akkomodazzjoni affordabbli, u ikel sikur u ta' kwalità għolja; l-Ewropa se tkun post ta' infrastruttura aċċessibbli, kura

<sup>7</sup> It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Artikolu 3(1) - L-għan tal-Unjoni huwa li tippromwovi l-paċi, il-valuri tagħha (definiti fl-Artikolu 2) u l-benesseri tal-popli tagħha.

tas-saħħa u edukazzjoni ta' klassi dinjija, u pajjiżi, reġjuni u bliet b'saħħithom li joffru "l-libertà li wieħed jibqa'", hekk kif jitqiesu l-ġenerazzjonijiet ta' bħalissa u dawk tal-futur.

Biex tinkiseb din il-viżjoni se jkun hemm bżonn ta' trasformazzjonijiet kuraġġużi. Filwaqt li l-prevedibbiltà u l-istabbiltà huma kruċjali u wieħed mill-assi tal-UE, **irridu nkunu lesti għat-tibdil kull meta jkun meħtieġ, u nibqgħu fuq quddiem tal-isfidi, biex nippreservaw u nsaħħu l-elementi fundamentali tal-proġett Ewropew.**

## **2. ŻVILUPPI GLOBALI MAĠĠURI U SFIDI SPEĊIFIĊI GĦALL-UE GĦAL ŻIEDA FIR-REŻILJENZA**

L-ispazju ta' politika futur tal-UE biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħha huwa ddeterminat minn **megaxejriet globali** u minn **sfidi speċifiċi għall-UE li hargħu fid-deher mill-ewwel Rapport ta' Prospettiva Strateġika fl-2020**. Fl-indirizzar ta' dawn iż-żewġ elementi lejn UE reżiljenti fl-2040, l-UE se jkollha bżonn tintegra dawn ix-xejriet fit-tfassil tal-politika u l-ġhażliet politiċi, tespandi l-aġenzija tagħha biex taġixxi u tinnaviga aħjar l-opportunitajiet u l-isfidi li ġejjin.

### **2.1. Żviluppi globali ewlenin fit-tul**

**Is-sigurtà saret vettur ewlieni għall-politiki kollha tal-UE.** Il-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna biddlet il-perspettiva dwar is-sigurtà. It-taqlib ġeopolitiku u l-erożjoni tal-ordni globali multilaterali jkomplu jsaħħu l-ħtieġa għall-awtonomija fil-kapaċità li jiġu protetti l-ġenerazzjonijiet attwali u futuri. Dawn l-aħħar snin juru li kollox jista' jintuża bħala arma: il-ktajjen tal-provvista, il-migrazzjoni, il-kummerċ, l-ġhajjnuna umanitarja, l-ispazju u l-informazzjoni<sup>8</sup>. Peress li t-theddid ibridu jopera fiż-żona griża bejn il-gwerra u l-paċi, dan johlq ambigwiżà fl-attribuzzjoni, b'aspetti tas-sigurtà interni u esterni dejjem aktar mġhaqqdin f'xulxin. Is-sigurtà, jew in-nuqqas tagħha, taffettwa s-soċjetà u l-ekonomija kollha: in-negozju, l-investment, il-koeżjoni soċjali u territorjali, il-prosperità u l-benesseri, kif ukoll id-demokrazzi u l-valuri tagħna. Barra minn hekk, it-tmiem tad-dividend tal-paċi ta' wara l-Gwerra Bierda u l-projezzjonijiet ekonomiċi turbolenti jisfidaw il-baġits pubbliċi, u jwasslu għal ġhażliet diffiċli, iżda wkoll joħorġu fid-deher l-opportunitajiet, pereżempju biex nikkapitalizzaw fuq is-sinerġiji fil-qasam ċivili-militari.

**Qed naraw l-erożjoni tal-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u l-fratturazzjoni tax-xenarju globali.** Min-Nazzjonijiet Uniti sal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, il-pilastri ewlenin tal-ordni globali jinsabu taħt stress. Dan huwa partikolarment importanti għall-UE, li bniet il-punti b'saħħithom tagħha fuq il-ftuħ: politika kummerċjali komuni li tiffunzjona f'sinerġija mas-suq uniku, sħubijiet internazzjonali u standards huma kollha kontinġenti fuq governanza internazzjonali bbażata fuq ir-regoli<sup>9</sup>. Għalhekk, l-instabbiltà u l-funzjonament ħażin parzjali tal-ordni internazzjonali u l-fratturazzjoni parzjali tal-ekonomiji globali għandhom effett destabilizzanti fuq il-kapaċità tal-UE li taġixxi fl-interess tal-ekonomija tagħha u l-benesseri tal-poplu tagħha. Ritorn għall-istatus quo preċedenti qed jidher dejjem aktar improbabbli. Minkejja l-effetti negattivi, dan johlq ukoll opportunità għall-UE biex issemma' aktar leħinha fit-tfassil ta' ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli li jibqa' validu fil-futur<sup>10</sup>.

**L-impatti tat-tibdil fil-klima u tad-degradazzjoni tan-natura u tar-riżorsi tal-ilma marru għall-aġar,** u laħqu livelli li huma aktar diffiċli biex jiġu indirizzati. It-temperaturi medji

<sup>8</sup> L-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji Soċjali, "Hacking minds and machines. Foreign interference in the digital age", 2024, [CP\\_184.pdf](#)

<sup>9</sup> Ara l-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-tisħiħ tal-kontribut tal-UE għall-multilateraliżmu bbażat fuq ir-regoli, JOIN (2021) 3 final.

<sup>10</sup> Biscop, S. *This is not a new world order. Europe rediscovers geopolitics from Ukraine to Taiwan*, 2024.

globali annwali diġà qabżu l-1.5 °C 'il fuq mil-livelli preindustrijali. L-impatt kumulattiv jista' jwassal biex jinqabżu l-punti kritiċi li lil hinn minnhom se jseħħu bidliet f'daqqa u irriversibbli, mit-tidwib tal-folji tas-silġ għall-iskollijiet tal-qroll li qed imutu sal-interruzzjoni tal-kurrenti tal-Atlantiku. L-avvenimenti estremi tat-temp relatati mal-klima diġà kkawżaw telf ekonomiku fl-UE ta' EUR 738 biljun f'dawn l-aħħar 40 sena (bejn l-1980 u l-2023, bi 22 % ta' dan it-telf bejn l-2021 u l-2023)<sup>11</sup>. In-nirien fil-foresti ħarqu aktar minn miljun ettaru ta' art fl-UE sa tmiem is-sajf fl-2025, l-ogħla ammont fi kwalunkwe sena minn meta bdew ir-rekords uffiċjali fl-2006<sup>12</sup>. Il-kontributi vitali tal-bijodiversità u tan-natura tal-Ewropa permezz tas-servizzi tal-ekosistema, bħall-arja u l-ilma nodfa, qed jonqsu b'rata li qed taċċellera, u dan jikkomprometti l-faċilitaturi ewlenin tas-saħħa. Huwa wkoll multiplikatur tar-riskju: minn nixfiet kbar li jwasslu għan-nuqqas ta' sigurtà fil-provvista tal-ilma u tal-ikel, l-imprevedibbiltà tan-nirien fil-foresti, it-tfixkil tal-infrastruttura kritika u r-rotot kritiċi tat-trasport, għat-theddid għas-swieq finanzjarji<sup>13</sup>.

Il-momentum politiku għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima jinsab f'riskju f'partijiet tad-dinja, u l-politiki dwar il-klima u l-ambjent huma dejjem aktar strumentalizzati u soġġetti għad-diżinformazzjoni<sup>14</sup>. Fl-istess ħin, it-tranżizzjoni ekoloġika għal ħafna pajjiżi tista' tirriżulta f'aktar indipendenza u tkabbir. Barra minn hekk, għall-Ewropa, tranżizzjoni b'suċċess lejn tkabbir sostenibbli tipprovdli l-opportunità li fl-istess ħin jissaħħu l-awtonomija strateġika u l-kompetittività tal-Unjoni, b'mod partikolari permezz taż-żieda fit-teknoloġiji nodfa.

## 2.2. Sfidi speċifiċi għall-UE

**It-tfittxija simultanja għall-kompetittività ekonomika u l-awtonomija strateġika.** Abbażi tal-esperjenzi tal-kriżijiet reċenti, diversi ekonomiji, inkluża l-UE, qed isegwu b'mod attiv awtonomija strateġika biex jiżguraw is-sigurtà ekonomika fit-tul tagħhom<sup>15</sup>. B'mod parallel, biex tilqa' l-isfidi globali, l-UE għandha l-għan li ssaħħa il-kompetittività fis-setturi ewlenin kollha. Iż-żewġ prioritajiet huma essenzjali għar-reżiljenza: is-sigurtà u l-awtonomija strateġika miftuħa tal-Ewropa se jiddependu aktar minn qatt qabel fuq il-kapaċità tagħna li ninnovaw u nikkompetu ma' ekonomiji oħra fid-dinja, partikolarment fit-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti u dawk diġitali. Għalhekk, biex tinbena reżiljenza reali, l-Ewropa trid taħdem favur it-tnejn li huma. L-awtonomija strateġika miftuħa tipproteġi lill-UE minn xokkijiet u dipendenzi esterni, filwaqt li l-kompetittività tixpruna l-innovazzjoni u s-saħħa ekonomika meħtieġa biex tadatta, tmexxi u tirnexxi f'dinja li qed tinbidel malajr.

Madankollu, f'sistema ekonomika globali mtaqqala mill-kompetizzjoni ġeopolitika, tensjonijiet kummerċjali u livelli ta' dejn pubbliku li qed jiżdiedu, l-UE trid tintegra l-kunsiderazzjonijiet tas-sigurtà u tal-awtonomija strateġika b'mod aktar sistematiku fil-politiki ekonomiċi tagħha. It-twettiq kemm tal-kompetittività kif ukoll tal-awtonomija strateġika simultanjament jirrikjedi tfassil ta' politika bir-reqqa, peress li l-miżuri biex tissaħħa l-awtonomija jistgħu jinvolvu

<sup>11</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "Economic losses from weather- and climate-related extremes in Europe", 2024, <https://www.eea.europa.eu/en/analysis/indicators/economic-losses-from-climate-related>

<sup>12</sup> <https://forest-fire.emergency.copernicus.eu/apps/effis/statistics/seasonaltrend>

<sup>13</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, "European Climate Risk Assessment", 2024. Għal rendikont reċenti tal-ħidma analitika li qed titwettaq fl-Unjoni Ewropea u r-reazzjonijiet ta' politika li ttieħdu s'issa, ara r-[rapport dwar il-monitoraġġ tar-riskju relatat mal-klima għall-istabbiltà finanzjarja](#), C (2024) 4372 final.

<sup>14</sup> International Panel on the Information Environment, "Information integrity about climate science: a systematic review", 2025, <http://doi.org/10.61452/BTZP3426>

<sup>15</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "Shaping and securing the EU's open strategic autonomy by 2040 and beyond", 2021, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/877497>



kostijiet bil-quddiem jew aġġustamenti strutturali u potenzjalment inaqqsu l-effiċjenza fuq terminu qasir. Dinamika globali li qed tevolve u dipendenzi strateġiċi eċċessivi reġġu għibdu l-attenzjoni fuq l-użu tal-akkwist pubbliku (inkluż l-akkwist konġunt u l-akkwist preferenzjali tal-UE) bħala għodda ta' politika biex tissaħħa l-awtonomija strateġika u jiġu sostnuti l-isforzi ta' dekarbonizzazzjoni industrijali<sup>16</sup>.

Id-dipendenza eċċessiva fuq servizzi ewlenin ipprovduti minn entitajiet mhux tal-UE f'setturi bħad-diġitali u l-finanzi, tesponi lill-UE għal riskji inklużi vulnerabbiltajiet fis-sigurtà tad-data, tfixkil fis-servizzi, spjunaġġ u koerċizzjoni ekonomika. Dan huwa partikolarment rilevanti għas-servizzi diġitali soġġetti għall-effetti tan-network, li għandhom it-tendenza li jillimitaw il-kompetizzjoni<sup>17</sup>. Pereżempju, madwar 70 %<sup>18</sup> tal-infrastruttura tal-cloud tal-UE hija kkontrollata minn tliet kumpaniji tal-Istati Uniti: Amazon Web Services, Microsoft, u Google.

Is-sigurtà tal-enerġija hija element kostitwenti ewlieni ta' ekonomija reżiljenti, li tibqa' valida fil-futur u kompetittiva, speċjalment meta jitqies li fl-2023 l-UE importat 58 % tal-enerġija tagħha<sup>19</sup>. Għalhekk, l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa mhijiex biss vitali biex jintlaħqu l-għanijiet klimatiċi iżda wkoll imperattiv strateġiku biex titnaqqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili u biex l-UE tiġi protetta minn xokkijiet ġeopolitiċi, bħal dawk li ffaċċjat meta r-Russja użat l-enerġija bħala arma. Bit-tisħiħ tas-sigurtà tal-enerġija, l-UE tista' tnaqqas l-infiq fuq l-importazzjoni tal-fjuwils fossili b'EUR 2,8 triljun bejn l-2031 u l-2050, meta mqabbel mal-medja tal-2011–2020. Billi tinvesti f'sorsi domestiċi ta' enerġija nadifa u fl-effiċjenza enerġetika, l-UE ssaħħa l-awtonomija tagħha u tibni sistema aktar reżiljenti b'kost baxx għall-futur. Madankollu, din it-tranżizzjoni qed toħloq ukoll dipendenzi ġodda, kemm fuq il-prodotti tat-teknoloġija nadifa nfushom fejn il-produzzjoni industrijali hija ddominata minn atturi globali oħra, kif ukoll fuq il-lista li qed tespandi u l-kwantitajiet<sup>20</sup> tal-materja prima kritika li jintużaw f'dawk il-prodotti meta jiġu prodotti fl-UE jew xi mkien ieħor (ara l-Kaxxa 1)<sup>21</sup>.

**Kaxxa 1. Fuq l-orizzont: era ta' dominanza ġdida possibbli għall-materja prima u t-teknoloġija nadifa**

Il-kompetizzjoni globali li qed tintensifika għar-riżorsi kritiċi, u s-sehem fis-suq tat-teknoloġija nadifa, flimkien ma' approċċ aktar tranżazzjonali għar-relazzjonijiet internazzjonali, jistgħu jrawmu alleanzi ġodda bejn atturi statali u privati mmirati lejn l-istabbiliment ta' organizzazzjonijiet li jixbhu lill-OPEC għal riżorsi jew teknoloġiji speċifiċi. Dan il-kontroll jista' jixpruna inflazzjoni sinifikanti fil-prezzijiet u jirrestrinġi l-aċċess għal materjali essenzjali, u b'hekk joħloq sfida serja għall-awtonomija strateġika u t-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa tal-UE. B'reazzjoni għal dan, jista' jkun hemm enfasi dejjem akbar fuq l-innovazzjoni fil-prattiki tal-ekonomija ċirkolari u t-teknoloġiji avvanzati tal-estrazzjoni minerarja inkluża l-estrazzjoni minerarja spazjali, bil-Qamar ikun l-ewwel possibbiltà.

<sup>16</sup> Nicoli, F., "Mapping the road ahead for EU public procurement reform", 2025, <https://www.bruegel.org/first-glance/mapping-road-ahead-eu-public-procurement-reform>

<sup>17</sup> Montero, J., Finger, M., *The rise of the new network industries: regulating digital platforms*, 2021.

<sup>18</sup> [June -2024 BDO Market-research IaaS\\_PaaS.pdf](#)

<sup>19</sup> Eurostat, [Shedding light on energy in Europe – 2025 edition - Interactive publications - Eurostat](#)

<sup>20</sup> In-numru ta' Materja Prima Kritika (CRMs, Critical Raw Materials) identifikati mill-UE kiber minn 14 fl-2011 għal 34 fl-2023.

<sup>21</sup> Il-kaxxi użati fir-rapport juru s-sinjali rilevanti ta' bidla li ħerġin bħalissa misluta mill-proċess tal-analiżi tal-orizzont immexxi mill-ESPAS (<https://espas.eu/horizon.html>).



Il-materja prima kritika għandha rwol ċentrali f' setturi strateġiċi oħra tal-UE, bħad-difiża, is-sigurtà ċivili, il-kura tas-saħħa, u s-settur awtomobilistiku. It-tfixkil fil-ktajjen tal-provvista tagħhom, kemm jekk minħabba sanzjonijiet, koerċizzjoni ġeopolitika, jew il-kuntribandu ta' materja prima minn organizzazzjonijiet kriminali<sup>22</sup>, jista' jkollu konsegwenzi negattivi sinifikanti għall-UE. Id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet ta' dawn il-materjali, flimkien mal-konċentrazzjoni li ħafna drabi tkun għolja ta' provvista fi ftit pajjiżi tul il-katina tal-valur (kemm fl-estrazzjoni kif ukoll fl-ipproċessar), joħolqu riskji ekonomiċi u ta' sigurtà serji, speċjalment minħabba li r-restrizzjonijiet fuq l-esportazzjoni tal-materja prima industrijali raw żieda ta' aktar minn ħames darbiet mill-2009<sup>23</sup>. It-tisħiħ taċ-ċirkolarità fl-UE jista' jnaqqas dawn id-dipendenzi.

**Nibbilanċjaw l-approċċ għat-teknoloġija: kruċjali biex tiġi sfruttata l-kompetittività futura iżda jeħtieġ li jiġu ġestiti r-riskji relatati.** It-teknoloġiji għandhom potenzjal trasformattiv: mill-appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali jew il-kura tas-saħħa, għall-għoti ta' spinta lill-produttività u l-kompetittività, u t-tisħiħ tas-sigurtà. Għalhekk, il-ħakma tat-teknoloġiji tal-futur, minn xjenza bażika sal-implimentazzjoni operazzjonali sħiħa, hija assi ġeopolitiku, ekonomiku u soċjetali – u b'konsegwenza ta' reżiljenza – b'saħħtu. It-tħaddin u t-tiswir tagħhom fl-UE huma pedament tal-kompetittività futura tagħna. Dan jiżgura kapaċitajiet ta' governanza tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u jippermetti protezzjoni u difiża effettivi kontra atturi ħżiena kemm statali kif ukoll mhux statali.

Madankollu, huma meħtieġa salvagwardji mmirati tajjeb, biex nevitaw ir-riskji sistemiċi potenzjali għas-sigurtà, għad-drittijiet taċ-ċittadini u tal-ħaddiema, għall-privatezza, għall-klima u l-ambjent, kif ukoll għad-demokrazija, il-fiduċja u l-koeżjoni soċjali u territorjali. Diġà qed naraw il-penetrazzjoni rapida u esponenzjali fis-suq ta' teknoloġiji ġodda, xprunata l-aktar minn ammont żgħir tal-akbar kumpaniji globali fid-dinja. Ħafna teknoloġiji ġodda se jħallu l-marka tagħhom fid-deċennju li ġej: il-kwantum, il-bijoteknoloġija, in-newroteknoloġija, u l-materjali avvanzati jew ir-robotika, kull wieħed b'opportunitajiet li jilhqqu ħafna oqsma iżda wkoll b'riskji akuti. L-użu potenzjali ta' xi oħrajn, bħall-ġeoinġinerija solari (jew il-modifika tar-radjażzjoni solari)<sup>24</sup> huwa kkontestat ħafna (ara l-Kaxxa 2).

#### **Kaxxa 2. Fuq l-orizzont: governanza globali għall-investigazzjoni tal-ġeoinġinerija solari**

Minkejja l-isforzi globali, l-effetti negattivi tat-tibdil fil-klima qed jintensifikaw b'mod perikoluż. F'dan il-kuntest, ġie ssuġġerit sett ta' teknoloġiji ta' modifika tar-radjażzjoni solari (SRM, social radiation modification), magħrufa wkoll bħala ġeoinġinerija solari. L-oġettiv tagħhom ikun li jnaqqsu t-tisħin globali billi jsaħħu r-riflessjoni tad-dawl tax-xemx lura lejn l-ispażju. Filwaqt li l-benefiċċji potenzjali tagħhom huma inċerti ħafna, huma jqajmu wkoll tħassib varju relatat mal-effetti distributtivi jew l-użu malizzjuż. Bħalissa, ma hemm l-ebda qafas internazzjonali li jirregola r-riċerka, l-ittestjar jew l-użu tagħhom. Madankollu, diversi nazzjonijiet għandhom il-kapaċitajiet meħtieġa u jistgħu jittestjawhom, pereżempju permezz ta' injezzjoni tal-aerosol stratosferiku. Oħrajn, bħar-Renju Unit, qed jinvestu b'mod sostanzjali fir-riċerka dwar l-SRM, u b'hekk qed jiksibu informazzjoni u għarfien espert bħala bażi għal compromessi futuri bbażati fuq l-evidenza u rwol fit-teħid ta' deċiżjonijiet internazzjonali.

<sup>22</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "Emerging risks and opportunities for EU internal security stemming from new technologies", 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/9617320>

<sup>23</sup> OECD (2025), "OECD supply chain resilience review: navigating risks", <https://doi.org/10.1787/94e3a8ea-en>.

<sup>24</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, Grupp ta' Konsulenti ta' Kapijiet Xjentifiċi, "Solar radiation modification", 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2777/391614>.

L-intelliġenza artifiċjali (IA) tispikka bħala teknoloġija bi skop ġenerali b'implikazzjonijiet estensivi għal kull qasam tal-attività tal-bniedem. Hija tavvanza l-iskoperta xjentifika – kif tidher fl-innovazzjoni tal-materjali jew il-potenzjal tagħha għall-computing kwantistiku, it-trasformazzjoni tal-manifattura industrijali, il-kura tas-saħħa<sup>25</sup>, l-ottimizzazzjoni tal-provvisti tal-enerġija<sup>26</sup>, u diversi aspetti oħra tal-ħajja tal-bniedem, inklużi żidiet potenzjali fil-produttività kif ukoll tfixkil fis-suq tax-xogħol<sup>27</sup>. L-IA tista' titqies bħala multiplikatur tal-forza, u tipprovdi għarfien u kapaċitajiet – inklużi infrastruttura kritika, bijoarmi avvanzati, kapaċitajiet fil-qasam ċibernetiku, jew sorveljanza awtonoma – li darba kienu d-dominju esklużiv tal-gvernijiet jew tal-esperti<sup>28</sup>. Rari kien hemm teknoloġija li kisbet l-adozzjoni popolari daqshekk malajr. Id-dominanza u l-influwenza tas-suq, mill-istabbiliment ta' aġendi ta' riċerka għal direzzjonijiet ta' politika, ta' ftit atturi globali jċajpru l-konfini bejn l-atturi u l-ispazji kummerċjali u pubbliċi. Dan jitlob riflessjoni urġenti dwar diversi xenarji, inklużi l-estremistajiet, u jgħid li jkunet raġunament ċar għal azzjoni politika deċiżiva.

Il-mudell ta' innovazzjoni tal-UE jippromwovi l-idea li d-data ġġenerata fis-soċjetà – kemm jekk personali kif ukoll industrijali – għandha tkun aċċessibbli għal użu produttiv u interoperabbli f'kundizzjonijiet etiċi ċari. Barra minn hekk, l-approċċ regolatorju tal-UE jipprevjeni l-aċċess mhux ikkontrollat għad-data dwar l-Ewropej. Fl-istess ħin, dan il-mudell jista' jfixxkel l-innovazzjoni u d-dħul fis-suq u jiffaċċja kwistjonijiet ta' finanzjament u implimentazzjoni. Pereżempju, l-intraprendituri tal-UE spiss jiddependu fuq il-finanzjament bankarju u jkollhom aċċess aktar limitat għall-ekwità jew forum oħra ta' kapital ta' riskju, fejn il-kapital ta' riskju huwa aktar assoċjat mal-iżvilupp ta' teknoloġiji fixkiela li jistgħu jrawmu l-innovazzjoni u jixprunaw it-tkabbir ekonomiku<sup>29</sup>.

Bi żviluppi teknoloġiċi dejjem aktar rapidi, it-tisħiħ tal-mudell ta' innovazzjoni tal-UE bbażat fuq il-valuri, għall-kuntrarju tal-Istati Uniti li hu xprunat mis-suq jew dak Ċiniż xprunat mill-Istat, qed isir dejjem aktar rilevanti<sup>30</sup>. Sfida ewlenija bl-għan li titrawwem l-innovazzjoni bbażata fuq l-etika u kompetittiva globalment hija l-frammentazzjoni tal-governanza teknoloġika tal-UE u l-politiki relatati, bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha.

*Figura 2: Bidliet fil-popolazzjoni tal-UE sal-2040<sup>31</sup>*

<sup>25</sup> L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, “Artificial Intelligence for Health”, 2024, <https://www.who.int/publications/m/item/artificial-intelligence-for-health>

<sup>26</sup> L-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija, “Energy and AI”, 2025, <https://www.iea.org/reports/energy-and-ai>


<sup>27</sup> Centre for Future Generations, “Preparing for AI labour shocks should be a resilience priority for Europe”, 2025, <https://cfg.eu/ai-labour-shocks/>

<sup>28</sup> Amodei, D. *Machines of Loving Grace*, 2024.

<sup>29</sup> Bank Ċentrali Ewropew, “Capital markets union: a deep dive – five measures to foster a single market for capital”, 2024, <https://www.ecb.europa.eu/pub/pdf/scpops/ecb.op369~246a103ed8.en.pdf>

<sup>30</sup> Bradford, A., *Digital empires. The global battle to regulate technology*, 2023.

<sup>31</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, “Outlook and demographic perspectives for EU’s rural regions. A modelling-based exercise”, 2025.



**Il-benesseri tal-poplu u r-reżiljenza tas-soċjetà taħt pressjoni.** Il-benesseri tal-poplu tal-UE huwa fost l-oġettivi ewlenin tal-Unjoni. Il-kwalità u l-esperjenza ġenerali tal-ħajja, l-edukazzjoni u l-ħiliet, ix-xogħol, is-saħħa mentali u fiżika, l-ambjent huma ta' valur intrinsiku. Dawn jiffurmaw ukoll pedament tar-reżiljenza tas-soċjetà – il-kapaċità tan-nies li jegħlbu d-disturbi u t-trasformazzjonijiet. F'dan il-kuntest, il-mudell Ewropew huwa wieħed mill-punti b'saħħithom ewlenin tagħna. Ħafna pajjiżi tal-UE huma fost l-aktar postijiet kuntenti fid-dinja fejn wieħed jista' jgħix<sup>32</sup> u l-Ewropej igawdu wħud mill-aktar livelli baxxi ta' inugwaljanza meta mqabbel ma' partijiet oħra tad-dinja. Madankollu, dan il-mudell jinsab taħt pressjoni: l-uġwaljanza għada mhux l-istess kullimkien, u l-inklużjoni sħiħa għadha ma ntlaħqitx. Is-sostenn tal-istat soċjali Ewropew jeħtieġ finanzi pubbliċi sostenibbli u ekonomija produttiva, u kompetittiva.

It-tibdil demografiku, filwaqt li spiss jiġi injorat, se jkollu effetti sekondarji sinifikanti ħafna fil-futur. L-Ewropej jgħixu aktar fit-tul. L-istennija medja tal-ħajja kibret bi kważi 4 snin mill-2002 u issa hija ta' 81.4 sena. Il-lonġevità b'saħħitha toffri diversi opportunitajiet iżda wkoll sfidi, b'mod partikolari flimkien mat-tnaqqis parallel fir-rati tal-fertilità<sup>33</sup>; l-UE hija pproġettata li jkollha 17-il miljun persuna inqas fl-età tax-xogħol sal-2040 milli fl-2023<sup>34</sup>. Dan se jaffettwa l-kompetittività tagħna u jpoġġi pressjoni kbira fuq is-suq tax-xogħol u l-baġits

<sup>32</sup> World Happiness Report 2025, <https://worldhappiness.report/ed/2025/>

<sup>33</sup> Eurostat, [https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Fertility\\_statistics](https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Fertility_statistics)

<sup>34</sup> Sistema Ewropea ta' Analiżi tal-Istrateġiji u l-Politiki (ESPAS), "Choosing Europe's future. Global trends to 2040", 2024, <https://data.europa.eu/doi/10.2760/180422>

pubbliċi, inkluża l-kapaċità tat-tassazzjoni fuq ix-xogħol li tiġġenera biżżejjed dħul<sup>35</sup>. Il-kwistjoni hija msaħħa minn disparitajiet reġjonali sinifikanti proġettati fit-tnaqqis fil-popolazzjoni, b'kuntrasti qawwija bejn iż-żoni urbani u rurali, speċjalment daww aktar remoti (ara l-Figura 2).

L-iżviluppi globali se jżidu l-pressjoni fuq il-flussi migratorji lejn l-UE – speċjalment mill-Afrika, fejn il-popolazzjoni hija pproġettata li tespandi minn 1.2 biljun għal 1.8 biljun bejn l-2017 u l-2035, meta madwar nofs il-popolazzjoni tkun taħt l-età ta' 21 sena<sup>36</sup>. Fl-istess ħin, l-UE se jkollha bżonn migrazzjoni regolari minħabba xejriet demografiċi, filwaqt li tiġġieled il-migrazzjoni irregolari. Flimkien, dan joffri perkors ta' politika possibbli biex il-ħtiġijiet fis-swieq tax-xogħol tal-UE jitqabblu ma' talent minn barra l-pajjiż<sup>37</sup>. Il-migrazzjoni, madankollu, tippreżenta stampa kumplessa minħabba l-volatilità kemm tax-xejriet tal-migrazzjoni regolari kif ukoll dik irregolari, iżda wkoll il-ħtiġijiet tas-suq, u minħabba li hija kwistjoni politikament sensitiva li teħtieġ dibattitu infurmat dwar l-evidenza u depolarizzanti<sup>38</sup>.

Mill-perspettiva reġjonali, id-disparitajiet qed jiżiedu fl-UE u qed jiżiedu fil-kumplessità<sup>39</sup>. Qed niffaċċjaw ukoll il-ħolqien ta' "ġeografija ta' skuntentizza"<sup>40</sup>, bil-benefiċċji ekonomiċi mhux imqassma b'mod ugwali. Il-progress teknoloġiku u l-impatti tat-tibdil fil-klima jistgħu jkomplu jikkumplikaw din l-istampa, u b'hekk jikkontribwixxu għar-ridistribuzzjoni industrijali.

Dwar is-saħħa, l-isfidi fit-tul jinkludu d-domandi fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa u tal-kura tal-anzjani, aggravati minn nuqqas ta' ħaddiema u ta' ħiliet u l-impatti tat-tibdil fil-klima. Ta' tħassib partikolari huma żieda fl-iżolament u s-solitudni<sup>41</sup>, u żieda estrema fil-problemi tas-saħħa mentali fost iż-żgħażaġh<sup>42</sup>, parzjalment minħabba l-effetti dannużi tal-media soċjali<sup>43</sup>, kif ukoll ir-rati tal-mard li ma jittehdx li qegħdin jiżiedu.

Ir-reżiljenza u l-benesseri huma wkoll marbuta mas-saħħa planetarja<sup>44</sup>. Jeżistu sinerġiji bejn l-azzjonijiet fl-oqsma tal-klima, tal-ilma u daww ambjentali, kif ukoll bejn daww l-oqsma ta' politika u oqsma oħra prijoritarji. Pereżempju, ekosistemi b'saħħithom bħal korpi tal-ilma heġu jew l-oċean, il-foresti jew it-torbieri huma wħud mill-aktar bjar tal-karbonju effettivi u jgħinu biex irażżnu l-impatti dejjem akbar tat-tibdil fil-klima bħall-cloudbursts u n-nixfiet fit-tul. Li naġixxu flimkien man-natura jikkontribwixxi għas-sigurtà u l-prosperità ekonomika<sup>45</sup>;

---

<sup>35</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "Annual report on taxation 2025 – Review of taxation policies in the EU Member States", 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2778/6367826>, u "2024 Ageing Report. Economic and Budgetary Projections for the EU Member States".

<sup>36</sup> Ir-rapport tal-ESPAS (2024), op.cit.

<sup>37</sup> <https://population-europe.eu/research/policy-insights/labour-markets-rescue-policy-pathways-forward>

<sup>38</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "Navigating migration narratives", 2025.

<https://publications.jrc.ec.europa.eu/repository/handle/JRC142039>

<sup>39</sup> Ir-rapport tal-ESPAS (2024), op.cit.

<sup>40</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "Single Market economics briefs", [https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/single-market-economics-briefs\\_en](https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/single-market-economics-briefs_en)

<sup>41</sup> Schnepf, S.V. et al. (eds.), *Loneliness in Europe. Determinants, risks, interventions*, Population Economics.

<sup>42</sup> L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, <https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/adolescent-mental-health>

<sup>43</sup> Haidt, J., *The Anxious generation. How the great rewiring of childhood is causing an epidemic of mental illness*, 2024.

<sup>44</sup> Il-Programm tan-NU għall-Ambjent, "Navigating new horizons. A global foresight report on planetary health and human wellbeing", 2024.

<sup>45</sup> L-Università tan-Nazzjonijiet Uniti, "Interconnected disaster risks: turning over a new leaf", 2025.

pereżempju, il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih jgħinu biex jittrażżnu l-pandemiji u jappoġġaw is-sigurtà tal-ikel. Approċċ sistemiku u li jibqa' validu fil-futur għall-adattament tal-klima jista' jgħin f'diversi objettivi: pereż. ir-reżiljenza tal-infrastruttura u tal-bini kemm għal perikli relatati mal-klima kif ukoll għal perikli oħra<sup>46</sup>. Is-servizzi kritiċi tal-ekosistema, bħall-ilma, il-ħamrija jew l-arja nodfa, huma kruċjali għan-nies iżda wkoll għall-ekonomija<sup>47</sup>.

Madankollu, għad fadal ħafna sfidi urġenti f'dak li għandu x'jaqşam mal-kapitalizzazzjoni ta' dawn is-sinerġiji. Filwaqt li l-UE tinsab fit-triq it-tajba biex tilħaq il-mira tagħha ta' tnaqqis ta' 55 % fl-emissjonijiet sal-2030, il-progress lejn l-objettivi ambjentali tal-UE għadu insuffiċjenti<sup>48</sup>. Fl-istess ħin, it-tensjonijiet potenzjali bejn il-politiki ta' sostenibbiltà u l-ġustizzja soċjali saru viżibbli, u dan żied il-ħtieġa li jiġu appoġġati dawk in-nies u postijiet li huma l-aktar affettwati.

Hemm ukoll opportunitajiet emerġenti għas-saħħa planetarja. Pereżempju, il-fehim tagħna tal-ekosistemi jista' jespandi b'mod sinifikanti (ara l-Kaxxa 3), li jista' jiġi sfruttat għal bidla fis-sistemi kollha u għall-integrazzjoni tal-bijodiversità bħala prijetà ta' politika trasversali. Globalment, il-“ġeopolitika tal-bijodiversità” emerġenti tista' tgħin biex l-enfasi tmur fuq ir-rikonoxximent tal-valur tar-riżorsi naturali skarsi u l-użu sostenibbli tagħhom, lil hinn mill-isfruttament<sup>49</sup>.

### **Kaxxa 3. Fuq l-orizzont: fehim tal-bijosfera skura u tal-ekosistemi tal-baħar fond**

Hekk kif qed niffaċċjaw id-degradazzjoni tal-ekosistemi li sejr in għall-aghbar u tas-servizzi kritiċi li jipprovdu, l-attenzjoni xjentifika qed iddur lejn territorji inqas esplorati. Taħt il-wieċ tad-dinja hemm l-oċean fond u l-“bijosfera skura” fil-ħamrija u l-qoxra tad-Dinja b'mikrobi li jiġġeneraw tant “ossiġenu skur” (prodott fl-oċean fond u taħt il-wieċ fin-nuqqas ta' dawl) li l-importanza globali tagħhom hija komparabbli mal-foresti pluvjali. Ir-riċerka emerġenti tiffoka fuq dak li jistgħu jfissru dawk ir-riżorsi ta' taħt l-art għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima, il-bijodiversità, u l-forniment ta' servizzi essenzzjali. L-ekosistemi tal-oċean fond u l-implikazzjonijiet potenzjalment rivoluzzjonarji tagħhom għall-bijoteknoloġija, ir-reżiljenza għat-tibdil fil-klima u l-mediċina huma qasam emerġenti ieħor. Azzjoni futura tista' tinkludi, pereż. il-ħolqien ta' żoni ta' protezzjoni vertikali u riżervi “inviżibbli” mibnija f'miri futuri tal-bijodiversità. It-teknoloġiji avvanzati tal-esplorazzjoni jistgħu jaċċelleraw l-iskoperta xjentifika u jżidu l-perssoni għall-isfruttament tal-ambjenti tal-baħar fond (pereż. għal materja prima kritika), li jeħtieġu approċċ prekawzjonarju u sistemiku.

**Id-demokrazija u l-valuri fundamentali tagħna huma mhedda.** L-Ewropej iqisu d-demokrazija u l-governanza (41 %) bħala l-qasam li huwa l-aktar kruċjali għar-reżiljenza<sup>50</sup>. Meta mqabbla ma' sistemi oħra, demokraziji b'saħħithom għandhom reżiljenza integrata marbuta mal-adattabbiltà, l-appoġġ popolari, l-obbligu ta' rendikont u l-mekkaniżmi ta'

<sup>46</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, “European Climate Risk Assessment”, 2024.

<sup>47</sup> Ara pereż. Dechezleprêtre, A. u V. Vienne, “The impact of air pollution on labour productivity: Large-scale micro evidence from Europe”, *OECD Science, Technology and Industry Working Papers*, Nru 2025/14, <https://doi.org/10.1787/318cb85f-en>.

<sup>48</sup> L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, “European Union 8<sup>th</sup> Environment Action Programme – Monitoring report on progress towards the 8<sup>th</sup> EAP objective”, 2025.

<sup>49</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, “The EU environmental foresight system (FORENV) – Final report of 2023-24 annual cycle – Emerging risks and opportunities for biodiversity protection and ecosystem services in the context of economic and societal challenges”, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2779/9033877>.

<sup>50</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, “Resilience: The future of Europe as seen by EU citizens - Thematic analysis of the future stories shared through the #OurFutures initiative”, 2025.



awtokorrezzjoni. Madankollu, dawn jistgħu jkunu vulnerabbli għall-erożjoni mingħajr mekkaniżmi ta' protezzjoni b'saħħithom, filwaqt li r-ridemokratizzazzjoni mhijiex faċli anke wara li jsiru bidliet elettorali li jwiegħdu li jreġġgħu lura r-rigress demokratiku<sup>51</sup>. Fl-istess ħin, id-demokrazija fl-UE tinsab taħt pressjoni esterna u interna: mid-dgħajfien tal-istat tad-dritt u l-libertà tal-media, l-attakki fuq is-soċjetà ċivili, is-software ta' spjunaġġ, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni mill-barranin, l-interferenza u d-diżinformazzjoni, sal-interferenza elettorali. Qed naraw il-promozzjoni dejjem akbar ta' narrattivi u attitudnijiet antidemokratiċi, inkluż fost iż-żgħażaġh, u l-isfruttament tal-vulnerabbiltajiet soċjetali, politiċi, ekonomiċi u teknoloġiċi.

Filwaqt li mhux dawn kollha huma ġodda, l-iskala u l-ftuħ ta' theddid bħal dan kibru. Il-fehmiet tan-nies qed jissawru dejjem aktar minn sorsi personalizzati bbażati fuq l-algoritmi li jillimitaw l-ispazju kondiviż għal dibattitu demokratiku bbażat fuq fatti u evidenza kondiviżi. 42 % taż-żgħażaġh Ewropej jiddependu primarjament fuq TikTok, Instagram, jew YouTube għall-aħbarijiet<sup>52</sup>. Il-media soċjali qed tapprofondixxi l-kmamar tal-eku ideoloġiku u tixpruna l-polarizzazzjoni, b'algoritmi li jipprioritizzaw il-kontenut diviżiv. Jidher li qed jitfaċċa distakk politiku u ideoloġiku bejn in-nisa u l-irġiel żgħażaġh<sup>53</sup>. Qed naraw ukoll l-effetti ta' oligarkija globali ġdida, bi ftit biljunarji teknoloġiċi li qed jinfluwenzaw dejjem aktar il-politika. Filwaqt li l-IA għandha l-potenzjal li ttejjeb l-effiċjenza, it-trasparenza u l-inklużività fil-proċessi demokratiċi, il-kampanji ta' manipulazzjoni bl-użu ta' deepfakes jew aħbarijiet foloz iġġenerati mill-IA diġà huma kapaċi jdgħajfu l-gvernijiet, inaqqsu l-fiduċja, jiddestabbilizzaw is-swieq, jew jinfluwenzaw l-elezzjonijiet (ara l-Kaxxa 4). L-indhila barrani u l-użu ħażin tal-pjattaformi tal-media soċjali għad-diżinformazzjoni matul l-elezzjonijiet reċenti f'xi Stati Membri juru dan. L-iżvilupp teknoloġiku rapidu u mhux ikkontrollat jista' biss jikkompjika aktar l-isfida tad-diżinformazzjoni.

#### **Kaxxa 4. Fuq l-orizzont: tgħidli ftit x'qed taħseb?**

Il-progress teknoloġiku jiftaħ ukoll id-diskussjoni dwar liema data personali u sensittiva tista' tintuża għal skopijiet politiċi fil-futur. Għal xi wħud, dan jista' jkun il-każ għal data newrali ġġenerata mis-sistemi nervużi tagħna, pereżempju miġbura minn apparati bijometriċi li jintlibsu. Mudelli lingwistiċi kbar avvanzati tal-IA diġà jistgħu jikkunsidraw l-emozzjonijiet; bis-saħħa ta' data newrali, dawn jistgħu jżidu sostanzjalment il-kapaċità tagħhom li jindirizzaw il-ħtiġijiet emozzjonali. L-algoritmi issa jistgħu saħansitra jibassru liema kontenut se “jinxtred fuq skala kbira” fil-media soċjali. Il-kombinazzjoni ta' dan l-għarfien ma' data newrali tista' tiftaħ il-bieb għal possibbiltajiet bla preċedent biex tidderieġi wkoll l-imġiba politika fuq l-iskala tal-individwi u s-soċjetajiet. Dan jiftaħ id-dibattitu dwar il-ħtieġa possibbli li d-drittijiet tal-privatezza jiġu estenzi għal oqsma oħra, bħad-data newrali, li qed issir dejjem aktar imfittxija mid-ditti tat-teknoloġija.

Madankollu, l-istampa mhijiex kompletament skoraġġanti jekk nieħdu l-fiduċja fil-gvernijiet bħala indikatur tas-saħħa demokratika. 52 % tal-Ewropej għandhom it-tendenza li jafdaw lill-UE, l-ogħla riżultat mill-2007 (ara l-Figura 3). Fost iż-żgħażaġh (15-24) dan il-livell huwa saħansitra ogħla – 59 %.

*Figura 3: Fiduċja fil-gvern nazzjonali u fl-UE (2019 u 2025)*<sup>54</sup>


<sup>51</sup> Ċentru għad-Demokrazija Ewropea, “How to strengthen democratic resilience. Five lessons for democratic renewal”, 2024, <https://europeandemocracyhub.epd.eu/how-to-strengthen-democratic-resilience/>

<sup>52</sup> L-Istħariġ tal-Ewrobarometru dwar iż-Żgħażaġħ 2024, il-Parlament Ewropew 2025.

<sup>53</sup> Ara pereż. Berland, O. u Leroutier, M., “The gender gap in carbon footprints: determinants and implications, Grantham Research Institute on Climate Change and the Environment”, 2025, Dokument ta' Hidma Nru 424.

<sup>54</sup> Ewrobarometri standard, il-ħarifa 2019 u r-rebbieġha tal-2025.





L-għeruw tar-reżiljenza demokratika u tat-tiġdid jinsabu fil-koeżjoni soċjali, fil-mekkaniżmi istituzzjonali ta' kontrokontrolli, u fl-innovazzjoni biex tittejjeb id-demokrazija<sup>55</sup>. L-UE għandha l-istrumenti biex tagħixxi fuq dawn kollha b'mod koerenti permezz tal-politiki u l-istrumenti tagħha.

### 3. IT-TRIQ LEJN UE REŻILJENTI FL-2040: OQSMA TA' AZZJONI

Filwaqt li tibni fuq id-diversi inizjattivi Ewropej reċenti rilevanti għar-reżiljenza, l-UE jeħtieġ li tkompli tartikola taħlita ta' politiki, ibbażata fuq approċċ koerenti u komprensiv, biex tibni reżiljenza ekonomika, soċjetali, ambjentali u politika. Dan jeħtieġ approċċ ta' gvern sħiħ kif ukoll politiki tal-UE li b'mod konsistenti jgħaddu minn "ittestjar tal-istress" għar-reżiljenza attwali u futura. B'mod aktar fundamentali, minħabba kemm l-isfidi eżistenti kif ukoll il-viżjoni ta' Unjoni akbar, jeħtieġ li l-UE twettaq ir-riformi meħtieġa biex tiggarrantixxi struttura u mekkaniżmi istituzzjonali fuq diversi livelli li mhux biss jippermettulha tiffunzjona b'mod effiċjenti, iżda wkoll tiżgura li jkollha l-kapaċità li tieħu deċiżjonijiet kuraġġużi. L-UE teħtieġ ukoll Qafas Finanzjarju Pluriennali adattat għall-prijoritajiet tagħha, aktar iffukat, aktar sempliċi u li jħalli impatt<sup>56</sup>. L-istituzzjonijiet tal-UE jeħtieġ li jiżguraw amministrazzjoni pubblika reżiljenti, moderna u effiċjenti li tkun kapaċi twettaq il-prijoritajiet politiċi tagħna f'kuntest diffiċli.

Dan ir-rapport jipproponi oqsma ta' azzjoni ewlenin mhux eżawrjenti li jista' jkollhom impatt pożittiv kbir u fejn l-UE u l-Istati Membri tagħha jkollhom l-aġenzija biex jaġixxu.

#### Qasam ewlieni nru 1: Niżviluppaw viżjoni globali koerenti għall-UE

Jeħtieġ li l-UE tingrana l-pożizzjoni tagħha bħala sieħeb domestiku u dinji b'saħħtu, stabbli u fdat, abbażi tal-valuri u l-oġettivi fundamentali tagħha. L-UE teħtieġ tkun aktar ċara dwar dak li tirrappreżenta u aktar assertiva meta tkun qed tiddefendi l-mudell distint tagħha. Dan jirrikjedi l-iżvilupp ta' kunċett strateġiku ċar tal-UE, li jikkonsisti fi prinċipji fundamentali għat-tfassil tal-politiki interni, għan-navigazzjoni tal-arena globali u għat-tisħiħ tas-sistema internazzjonali bbażata fuq ir-regoli. Dan jeħtieġ li jkun akkumpanjat mill-implimentazzjoni ta' proġetti li huma rilevanti għan-nies u l-postijiet fl-Ewropa, abbażi tal-interessi tagħhom u l-valuri Ewropej. Huma għandhom juru lill-Ewropa bħala attur u sieħeb affidabbli, li jippreferi

<sup>55</sup> Ċentru Ewropew għad-Demokrazija, "A new dynamic of democratic resilience?", 2025, <https://europeandemocracyhub.epd.eu/a-new-dynamic-of-democratic-resilience/>

<sup>56</sup> Ara l-proposta tal-Kummissjoni għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, COM/2025/570 final.

l-kooperazzjoni fuq ir-rivalità, iżda li hu wkoll kapaċi jasserixxi ruħu u joħodha kontra dawk li jheddu l-interessi tiegħu. Dan jinkludi wkoll l-attrazzjoni ta' talenti minn barra l-pajjiż fl-akkademja, fir-riċerka u f'setturi kruċjali oħra, bħall-bijoteknoloġiji.

Biex timplimenta dan l-approċċ, l-UE għandha tappoġġa l-euro biex tassumi rwol aktar prominenti fix-xena globali, u tipprovdi ambjent regolatorju stabbli li jwassal biex jiġu attirati l-investimenti. L-adeżjoni tal-pajjiżi kandidati għandha tkun prijorità għal Unjoni ekonomikament u ġeopolitikament aktar b'saħħha. Hekk kif il-proċess tat-tkabbir tal-UE jaċċellera u l-integrazzjoni gradwali tintensifika, il-pajjiżi kandidati, il-kandidati potenzjali u l-eqreb ġirien tal-UE għandhom jiġu integrati pass pass fl-inizjattivi ta' politika tal-UE. Jeħtieġ li l-UE tiffirma sħubijiet u alleanzi ġodda bbażati fuq interessi komuni, filwaqt li tibni fuq l-Istrateġija Global Gateway, filwaqt li ssaħħa il-mekkaniżmi biex tiddefendi s-sigurtà tal-enerġija u ekonomika tagħha flimkien mal-protezzjoni tal-klima. L-UE għandha b'mod attiv u b'approċċ koerenti ssawwar id-diskussjoni dwar ordni globali ġdid ibbażat fuq ir-regoli u riforma tal-multilateraliżmu, inklużi n-Nazzjonijiet Uniti u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ. L-UE għandha timxi lil hinn minn approċċ reattiv u xprunat mill-kriżi għall-politika tal-viceinat, u minflok trawwem sħubijiet fit-tul u ta' benefiċċju reċiproku. Dawn jistgħu jrawmu l-istabbiltà fil-viceinat usa' tagħha, filwaqt li joħlqu prosperità kondiwiża u jsaħħu l-influwenza globali tagħha.

## **Qasam ewlieni nru 2: Namplifikaw is-sigurtà interna u esterna**

L-UE u l-Istati Membri tagħha, flimkien mal-pajjiżi kandidati, l-eqreb ġirien u sħab tal-istess fehma, jeħtieġ li jiżviluppaw approċċ li jħares 'il quddiem u li jkun teknoloġikament favorevoli. L-approċċ għandu jikkapitalizza fuq sinerġiji ċivili-militari, biex jiskoraġġixxu atturi b'intenzjoni ħażina u jipproteġu liċ-ċittadini, lin-negozji u lis-soċjetà ċivili minn theddid ikkombinat għas-sigurtà interna u esterna, f'konsistenza sħiħa mal-valuri tal-UE u d-dritt internazzjonali. Għandha tingħata attenzjoni partikolari lil proċess simplifikat għat-teħid ta' deċiżjonijiet f'sitwazzjonijiet ta' kriżi kif ukoll lill-iżvilupp u t-tqegħid fil-prattika tal-faċilitaturi strateġiċi miksuba mill-UE, bħal infrastrutturi diġitali siguri, networks tal-enerġija, networks u infrastruttura tat-trasport, infrastruttura u servizzi spazjali, u sistemi ta' ġbir tal-informazzjoni u ta' analiżi. Dan għandu jsir permezz ta' użu aħjar mill-ekonomiji ta' skala tal-UE, pereżempju permezz tal-ġabra flimkien tal-akkwist, b'mod partikolari għall-infrastrutturi fuq skala kbira u fil-qasam tas-sigurtà. It-trattament effettiv tar-riskji għas-sigurtà jeħtieġ stat imtejjeb ta' tħejjija u li nkunu ppreparati fil-katina kollha minn membri individwali tal-pubbliku u organizzazzjonijiet ċivili lokali sal-industrija, l-atturi governattivi u l-forzi armati tal-Istati Membri tal-UE. Barra minn hekk, il-kapaċitajiet ta' prospettiva eżistenti f'oqsma bħas-sigurtà ċivili, il-ġestjoni tal-fruntieri u r-reżiljenza għad-diżastri għandhom jissaħħu. Il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO għandha tissaħħa biex tiġi evitata l-frammentazzjoni fid-dawl tal-isfidi tas-sigurtà. Is-sigurtà jeħtieġ li tiġi indirizzata fil-politiki u s-setturi ewlenin kollha, b'perspettiva territorjali integrata.

## **Qasam ewlieni nru 3: Nisfruttaw is-setgħa tat-teknoloġija u r-riċerka**

L-UE għandha tieħu rwol ewlieni fit-tfassil tal-governanza globali u l-ilqugħ għal teknoloġiji b'impatt għoli, b'mod partikolari teknoloġiji innovattivi u nodfa, inklużi t-teknoloġiji blu, u fl-istess ħin tiżgura li jkollna għażla ta' teknoloġiji kritiċi tal-UE.

Biex jikkapitalizzaw fuq il-potenzjal trasformativ enormi tal-IA għal kontribut pożittiv għas-soċjetà, l-UE u l-Istati Membri tagħha jridu jiżguraw li fl-Ewropa tkun tista' tiġi żviluppata b'mod sikur l-IA tal-aqwa klassi u li l-adozzjoni u t-tixrid tagħha jkunu allinjati mal-valuri Ewropej tad-dinjità, il-ġustizzja u s-solidarjetà, filwaqt li jħejju b'mod sistematiku għat-tibdil soċjoekonomiku profond li l-IA se tiġġenera, pereżempju fis-suq tax-xogħol u fix-xenarju tas-

sigurtà. Billi tistabbilixxi standards globali u tibni awtonomija strateġika fir-riċerka, l-infrastrutturi u l-mudelli fundamentali ewlenin tal-IA, l-UE tista' tiżgura li s-setgħa fixkiela tal-IA ssir xprunatur tal-prosperità, l-inklużività, is-sikurezza, is-sigurtà u l-fiduċja demokratika. Hi għandha tippożizzjona lilha nnifisha bħala mexxejja globali fit-tiswir ta' innovazzjonijiet tal-IA etiċi u sikuri—u b'hekk tippromwovi IA trasparenti, responsabbli u ċċentrata fuq il-bniedem, u tivvaluta u timmitiga b'mod sistematiku r-riskji sistemiċi ta' użu ħażin, funzjonament ħażin jew allinjament ħażin tal-aktar mudelli avvanzati tal-IA.

Biex tinkorpora l-valuri tagħha, l-UE jeħtieġ li tkun tista' tinfluwenza kif jinbnew is-sistemi u l-infrastrutturi tat-teknoloġija u liema għanijiet jottimizzaw għalihom. Dan huwa meta l-koordinazzjoni mal-Istati Membri, l-appoġġ finanzjarju, is-simplifikazzjoni regolatorja għal proġetti strateġiċi (bħal ċentri tad-data siguri u l-aktar mudelli tal-IA fundamentali Ewropej avvanzati), ix-xjenza miftuħa, l-infrastrutturi tar-riċerka tal-UE, l-ambjenti ta' esperimentazzjoni regolatorja, l-istandards trasparenti, u s-sorveljanza istituzzjonali robusta, isiru kruċjali. Il-Gigafabbriki tal-IA bħala infrastruttura jew il-Kodiċi ta' Prattika tal-IA bi Skop Ġeneriku bħala standard *de facto* għas-sikurezza u s-sigurtà tal-IA avvanzata huma eżempji promettenti ta' tali approċċi intelliġenti u strateġiċi.

L-UE trid issaħħaħ ukoll is-sovranià teknoloġika tagħha f'oqsma kruċjali, billi tiffoka fuq ktajjen tal-valur strateġiċi futuri, tibni r-rwol tagħha bħala sieħeb reġjonali fdat, u tittestja l-istress tal-politiki tal-UE (u tal-Istati Membri) għall-effetti tal-awtonomija strateġika tagħhom. L-UE għandha turi tmexxija etika u bbażata fuq ix-xjenza f'approċċi responsabbli u prekawżonarji għal teknoloġiji kontroversjali ġodda bħas-superintelliġenza jew l-awmentazzjoni tal-kapaċitajiet umani, l-esplorazzjoni avvanzata tal-oċeani, jew il-modifika tar-radjażzjoni solari, inkluż billi trawwem strutturi ta' governanza kollaborattiva globali biex jiġu indirizzati r-riskji, il-benefiċċji u l-effetti distributtivi potenzjali. Filwaqt li jibnu fuq l-esperjenza tan-network ta' komunikazzjoni bis-satellita IRIS<sup>2</sup>, jistgħu jiġu previsti sħubijiet pubbliċi-privati Ewropej f'każijiet meta teknoloġiji ġodda jiġu varati bħala beni pubbliċi, jiġifieri pjattaformi diġitali, IA u algoritmi fis-servizzi pubbliċi u s-saħħa, jew infrastruttura strateġika, inkluż għar-riċerka. Jeħtieġ li l-UE tindirizza l-frammentazzjoni tal-politika fil-governanza tat-teknoloġija. Il-koerenza fil-livelli u d-dominji kollha tippermetti l-identifikazzjoni u l-ġestjoni proattivi ta' compromessi potenzjali (pereż. bejn l-effiċjenza tal-katina tal-provvista u l-awtonomija strateġika; teknoloġiji diġitali ġodda u konsum tal-enerġija), issaħħaħ is-sinerġiji bejn oqsma ta' politika distinti (pereż. il-politika industrijali u s-sigurtà), u tippermetti aktar kollaborazzjoni internazzjonali u stabbiliment ta' standards ma' sħab tal-istess fehma.

#### **Qasam ewlieni nru 4: Insaħħu r-reżiljenza ekonomika fit-tul u nħejju għat-taqlib fis-suq tax-xogħol**

Jeħtieġ li l-UE ssaħħaħ il-kapaċità li twassal tkabbir inklużiv u sostenibbli flimkien mal-kapaċità li tassorbi u taġġusta malajr għal xokkijiet esterni. Hi għandha taħdem biex issaħħaħ u tittrasforma l-industriji, biex tippermetti benefiċċji kollettivi ta' teknoloġiji ġodda. L-UE għandha tibni valutazzjoni komprensiva tas-setturi attwali u futuri, speċjalment dawk li huma vitali għall-awtonomija strateġika tagħha u tieħu azzjoni koerenti biex issaħħaħ il-ktajjen tal-provvista, ir-riżorsi (inklużi l-ħiliet), il-kompetenzi, il-kapaċitajiet u l-kontroll, filwaqt li tiżgura l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni. L-UE għandha tħejji wkoll għal disturbi u rikonfigurazzjonijiet mistennija fis-suq tax-xogħol, ikkawżati minn diversi megaxejriet, mill-ġeopolitika, it-trasformazzjonijiet ekoloġiċi u teknoloġiċi, għan-natura li qed tinbidel tal-impjiegi u d-demografija.

L-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jinvestu fid-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija tal-UE u fil-promozzjoni ta' azzjoni globali biex jaċċelleraw it-tranżizzjoni lejn enerġija nadifa u

jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra, kif ukoll f'infrastruttura ta' klassi dinjija u reżiljenti għat-tibdil fil-klima. L-UE għandha tkompli tiżviluppa ekonomija ċirkolari, issaħħaħ l-estrazzjoni domestika, il-manifattura u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika, u fl-istess ħin tinvesti fir-riċerka u l-iżvilupp għas-sostituzzjoni ta' dawn il-materjali mhux fossili f'setturi strateġiċi, pass pass ma' żieda fl-impenn għall-azzjoni mal-pajjiżi sħab dwar il-materja prima kritika.

Biex jiġi mobilizzat il-kapital privat meħtieġ fuq skala kbira, il-bini ta' Unjoni ta' Tfaddil u Investimenti reali huwa essenzjali biex it-tfaddil Ewropew jiġi dirett lejn investimenti strateġiċi għar-reżiljenza ekonomika u għall-klima, il-kompetittività u l-innovazzjoni. L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom ikompli jaħdmu fuq is-simplifikazzjoni, speċjalment għall-SMEs.

Il-bini tal-unjoni tad-difiża tal-UE huwa opportunità biex tiġi promulgata politika koordinata (kemm bejn l-UE u l-Istati Membri, kif ukoll fi ħdan il-politiki tal-UE) fejn il-kompetittività, is-sigurtà, il-ħiliet, l-innovazzjoni u t-tnejn jinġabru flimkien. Għandhom jintużaw investimenti addizzjonali fid-difiża, u għar-riċerka u l-innovazzjoni, biex jappoġġaw teknoloġiji u infrastrutturi b'użu doppju kull fejn ikun possibbli, b'enfasi fuq l-użu ta' sinerġiji ċivili-militari tul il-katina kollha tal-innovazzjoni, mir-riċerka bażika sal-akkwist tal-kapaċitajiet. Bl-istess mod, it-teknoloġiji ċivili għandhom jiġu sfruttati bl-aħjar mod biex jappoġġaw l-istat ta' tnejn fil-qasam tad-difiża.

### **Qasam ewlieni nru 5: Nappoġġaw il-benesseri sostenibbli u inklużiv**

L-UE għandha tkompli ssaħħaħ l-ekonomija tas-suq soċjali u tranżizzjoni ġusta lejn ekonomija nadifa. Dan għandu jinkludi appoġġ kontinwu għal bidla fit-tassazzjoni lil hinn mit-tassazzjoni tax-xogħol lejn it-tassazzjoni tal-esternalitajiet negattivi, b'mod ibbilanċjat li jiżgura dħul sostenibbli mit-taxxa, kif ukoll l-affordabbiltà u d-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi sostenibbli. Fit-tweġġ tat-tranżizzjoni ġusta, għandha ġġedded l-enfasi tagħha fuq appoġġ f'waqt u tanġibbli għall-komunitajiet u l-gruppi affettwati u impenn magħhom, u viżjoni attraenti ta' wara l-karbonju għalihom. Hi għandha tfittex ir-riflessjoni dwar kuntratt soċjali ġdid li jerġa' jibni l-fiduċja għall-benefiċċju tal-Ewropej kollha, b'politiki ta' assistenza soċjali mġedda u enfasi fuq servizzi pubbliċi ta' kwalità għolja kif ukoll fuq ir-reġjuni u l-popolazzjonijiet li huma l-aktar affettwati mid-disparitajiet. Għandha ssir enfasi speċjali fuq l-iżgurar ta' ktajjen tal-provvista tal-mediċini sikuri u reżiljenti, u fuq il-kura tas-saħħa preventiva, it-twassil ta' terapiji u trattamenti effettivi u affordabbli għall-pazjenti, l-indirizzar tal-inugwaljanzi fis-saħħa, u l-promozzjoni ta' stili ta' ħajja aktar tajbin għas-saħħa, hekk kif nagħmlu użu minn teknoloġiji ġodda. Il-ħidma tal-Kummissjoni fuq dashboard ta' indikaturi tal-benesseri sostenibbli u inklużivi li għandha l-potenzjal li tnaqqas il-piżijiet tar-rapportar<sup>57</sup> issa hija matura biżżejjed biex tiġi inkorporata fl-evalwazzjoni tal-politika, u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-investment u r-riforma. Il-Kummissjoni għandha ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-OECD u man-Nazzjonijiet Uniti (b'segwitu għall-Patt għall-Futur) dwar l-isforzi internazzjonali biex jiġu żviluppati oqfsa "lil hinn mill-PDG", filwaqt li tibni fuq l-Aġenda 2030 u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tagħhom.

### **Qasam ewlieni nru 6: Nimmaġinaw mill-ġdid l-edukazzjoni**

L-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jirriflettu dwar l-immaginar mill-ġdid tal-edukazzjoni u tax-xogħol fid-dawl tat-teknoloġiji, id-demografija, it-tfikkil futur u t-trasformazzjonijiet ġodda. Dan ifisser l-inkorporazzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja bħala norma tas-soċjetà, l-iżgurar ta' ambjenti sikuri u ta' trawwim tat-tfal, l-allinjament tal-kurrikuli mal-ħtiġijiet futuri tal-ħiliet u l-ħolqien ta' perkorsi flessibbli bejn l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-

<sup>57</sup> Il-Kummissjoni Ewropea, "Measuring sustainable and inclusive wellbeing: a multidimensional dashboard approach, 2025", <https://data.europa.eu/doi/10.2760/4186342>

impjiegi. Dan jirrikjedi wkoll it-trawwim tal-adattabbiltà u l-kreattività, li jħejju liċ-ċittadini mhux biss għal impjiegi speċifiċi iżda għal tranżizzjonijiet multipli tul ħajjithom. It-tisħiħ tal-mobbiltà tal-istudenti mill-iskola għall-universitajiet biex jibbenefikaw mill-aħjar edukazzjoni li toffri l-Ewropa jippreparahom għall-inċertezza, il-ftuħ u l-ħsieb kritiku.

L-UE teħtieġ approċċ ċar biex tattira u teduka kemm forza tax-xogħol b'ħiliet speċjalizzati għal ekonomija dejjem akbar tas-servizzi u tal-kura kif ukoll l-imħuħ meħtieġa biex jissaħħaħ il-potenzjal tar-riċerka u l-innovazzjoni tagħha, filwaqt li tevita l-iżbilanċi reġjonali. Meta jitqies ir-rwol essenzjali tax-xjenzi u tal-inġiniera biex jixprunaw l-innovazzjoni, jiżguraw il-kompetittività u jagħmlu t-tranżizzjoni lejn is-sostenibbiltà possibbli, l-UE għandha tagħmel l-aħjar użu mit-talenti tagħha biex iżżid l-għadd ta' gradwati STEM (Science, Technology, Engineering and Mathematics - Xjenza, Teknoloġija, Inġinerija u Matematika), kemm fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali kif ukoll fl-edukazzjoni għolja.

L-UE għandha tħejji ruħha biex taħsad il-benefiċċji tal-aċċellerazzjoni tas-sistemi tal-awtomatizzazzjoni u tal-IA ġenerattivi billi tinvesti fit-taħriġ mill-ġdid u fit-titjib tal-ħiliet fuq skala kbira, filwaqt li trawwem il-litteriżmu fl-IA fost iċ-ċittadini. Dan isaħħaħ ir-reżiljenza, inaqas l-inugwaljanzi, u jiżgura li l-benefiċċji tal-IA jiġu kondiviżi b'mod wiesa'. Billi tgħaqqad ir-riforma tal-edukazzjoni mal-politiki dwar is-suq tax-xogħol u dawk soċjali orjentati lejn il-futur, l-UE tista' ddawwar il-bidla fixkiela f'opportunità għal aktar ekwità, awtonomizzazzjoni, u solidarjetà interġenerazzjonali.

### **Qasam ewlieni nru 7: Insaħħu l-pedamenti tad-demokrazija bħala ġid komuni**

L-UE għandha tieħu azzjoni biex tiġġieled il-polarizzazzjoni, il-manipulazzjoni tal-informazzjoni u d-diżinformazzjoni amplifikati mill-media soċjali u l-algoritmi tal-IA. Dan għandu jinkludi l-indirizzar tal-litteriżmu medjatiku u diġitali u l-appoġġ ta' ekosistemi ta' informazzjoni affidabbli u indipendenti li jgħinu fil-ħolqien ta' spazji ta' deliberazzjoni kondiviżi, li jmorru lil hinn mill-bżieġ tal-informazzjoni. L-iskejjel għandhom jingħataw aktar setgħa biex jisfruttaw ir-rwol kruċjali tagħhom fil-promozzjoni tal-litteriżmu medjatiku u fil-bini tar-reżiljenza kontra d-diżinformazzjoni. Hija meħtieġa azzjoni infurmata mill-evidenza u kkoordinata kemm biex tipproteġi liż-żgħażaġh mill-impatti negattivi tal-media soċjali, u t-teknoloġiji diġitali, speċjalment fuq is-saħħa mentali u l-benesseri tagħhom, kif ukoll biex tippermettilhom jaħsdu il-benefiċċji tagħhom aħjar.

L-UE għandha ssaħħaħ l-appoġġ għall-koeżjoni soċjali u l-bini tal-komunità permezz ta' modi innovattivi ta' involviment u sħubija mal-komunitajiet lokali, inklużi l-istrumenti parteċipattivi għall-iżvilupp territorjali. L-UE, l-Istati Membri, u l-pajjiżi kandidati għandhom jaħdmu b'mod assertiv fuq il-viżjoni kondiviża għall-UE (ara l-qasam ewlieni nru 1), biex b'hekk jissalvagwardjaw u jippromwovu l-istat tad-dritt, il-libertà tal-media, u l-libertajiet tas-soċjetà ċivili, u jaħdmu lejn it-tisħiħ tas-sett ta' għodod għall-ġlieda kontra l-manipulazzjoni tal-informazzjoni u l-interferenza mill-barranin, u d-diżinformazzjoni. Il-Kummissjoni u Istituzzjonijiet oħra tal-UE għandhom jiżviluppaw strateġija ta' komunikazzjoni aktar ċara biex jinfurmaw aħjar liċ-ċittadini u n-negozji Ewropej dwar l-UE u biex iżommu l-fehim u l-appoġġ tagħhom. L-UE għandha wkoll tkompli bl-isforzi dwar id-demokrazija deliberattiva, permezz ta' dibattiti miftuħa u infurmata bl-evidenza dwar l-għażliet ta' politika. Għandha wkoll issaħħaħ ir-rabtiet mas-soċjetà ċivili u l-atturi demokratiċi lokali. Il-Kummissjoni għandha tipproponi miżuri dwar it-tisħiħ tar-reżiljenza demokratika u tas-soċjetà ċivili fl-Ewropa billi tipprovdi oqfsa, strateġiji u appoġġ dedikati.

### **Qasam ewlieni nru 8: Nantiċipaw it-trasformazzjoni demografika u t-tisħiħ tal-ġustizzja interġenerazzjonali**

L-UE għandha tiżviluppa qafas dwar il-ġustizzja interġenerazzjonali, bl-għan li tiżgura li d-deċiżjonijiet meħuda llum ma jagħmlux ħsara lill-ġenerazzjonijiet futuri u li jżidu s-solidarjetà u l-involviment bejn persuni ta' etajiet differenti li se jkomplu jikkontribwixxu għall-isfruttar tat-trasformazzjoni demografika bħala opportunità aktar milli forza destabbilizzanti. Dan għandu jkun intersezzjonali u għandu jkollu l-għan li jtaffi l-vulnerabbiltajiet kumplessi li jikkoinċidu li jheddu r-reżiljenza tas-soċjetajiet Ewropej, mit-tibdil fil-klima sal-għoti ta' servizzi bażiċi, l-aċċess għall-kura tas-saħħa u l-kura fit-tul, jew l-inklużjoni soċjali. L-istrateġija għandha tippermetti li l-politiki Ewropej ikunu adattati għall-ġenerazzjonijiet attwali u futuri, billi nikkunsidraw mill-ġdid u naġġustaw it-teħid tad-deċiżjonijiet tagħna biex niżguraw li dan ikun sostnut minn valuri u għanijiet li jippermettu lill-Ewropej jirnexxu fuq żmien twil.

#### **4. KONKLUŻJONI**

It-twerttiq tal-azzjonijiet lejn UE reżiljenti fl-2040, bl-użu ta' metodi u proċessi ta' prospettiva, se jippermetti lill-Unjoni tieħu vantaġġ sħiħ mis-setgħa trasformattiva tagħha fil-kuntest globali li qed jinbidel. L-UE se jkollha bżonn tindirizza l-konsegwenzi tad-diversi żviluppi globali fit-tul u l-isfidi speċifiċi tagħha stess dettaljati f'dan ir-rapport. Fl-aħħar mill-aħħar, azzjoni u governanza koerenti se jagħtu s-setgħa lill-UE biex tiffaċċja kriżijiet f'daqqa u bidliet strutturali. Dan jeħtieġ li wieħed jaħseb lil hinn miċ-ċikli politiċi fuq perjodu qasir u medju u jadotta perspettiva li tapprezza aħjar l-impatti fit-tul tal-politiki mibdija llum, kif ukoll ir-robustezza tagħhom f'xenarji futuri diverġenti.

Għal dan l-għan, filwaqt li tibni fuq il-ħidma mwettqa matul il-perjodu 2019-2024, il-Kummissjoni se tkompli tinfed il-politiki tagħha bi prospettiva strateġika, inkluż billi tadotta Rapporti tal-Prospettiva Strateġika annwali li jkopru suġġetti trasversali rilevanti.

Mill-2026, dawn ir-rapporti se jiġu infurmati minn proċess robust ta' prospettiva, inkluż permezz tal-esplorazzjoni ta' xenarji futuri alternattivi possibbli b'mod koerenti f'politiki differenti. Lil hinn mill-pubblikazzjoni tar-rapporti annwali, il-Kummissjoni se tiżgura li, matul dan il-mandat il-ġdid, l-għodod ta' prospettiva jiġu integrati bis-sħiħ fit-tfassil tal-politika sabiex il-politiki tagħna jkollhom impatt akbar u jkunu infurmati aktar fil-futur, u sabiex l-UE jkun jista' jkollha impatt dejjiemi u sinifikanti f'kuntest ta' kumplessità dejjem akbar. Dan se jkun sostnut mill-kapaċitajiet ta' prospettiva b'saħħithom żviluppati matul dawn l-aħħar snin, imfassla speċifikament biex jantiċipaw u jindirizzaw l-inċertezza. Ir-Rapport tal-Prospettiva Strateġika tal-2026 se jiffoka fuq il-futur tal-UE f'dinja li qed tinbidel.